# Victoria Lines

## Is-Sur Christopher Fenech - Kunsillier



Il-Victoria Lines huma linja difensiva mibnija mill-Ingliżi fis-seklu 19. Inbnew bejn l-1870 u l-1899 u huma twal 12-il kilometru. Dawn jaqsmu lil Malta minn Fomm ir-Riħ sal-Madliena. L-iskop prinċipali tal-Victoria Lines kien id-difiża tal-Portijiet Maltin. Fil-Portijiet (il-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett) kien hemm kollox, peress li kien hemm it-tarżna, l-imħażen għall-ħatt u t-tagħbija tal-merkanzija. Il-maġġoranza tal-popolazzjoni Maltija ukoll kienet miġbura madwar il-Portijiet. Il-Portijiet ta' Malta kienu wżati kontinwament min-Navy Ingliża, u kienu importanti ħafna għall-kontrol tal-Imperu Ingliż.

L-idea tal-Victoria Lines nibtet fl-1872, meta wasal Malta l-Brigadier Ġeneral Adye, li ssuġerixxa l-bini ta' fortizzi matul il-Great Fault. F'każ ta' invażjoni min-naħa ta' fuq ta' Malta, l-għadu kellu jinżamm 'il bogħod mill-Portijiet. Il-Portijiet kellhom jingħaqdu b'ċirku ta' fortifikazzjonijiet, wara l-Victoria Lines (Grigal), rdumijiet naturali (fin-Nofsinhar) u batteriji u fortizzi (Tramuntana u Lvant).

Il-Victoria Lines jagħmlu użu mill-'Great Fault' (qasma fil-blat) naturali li taqsam lil Malta minn Fomm ir-Riħ sal-Madliena. Fihom erba' forti prinċipali u numru ta' 'gun batteries'. Il-Victoria lines jinżlu minn numru ta' widien fosthom Wied Anġlu u Wied id-Dies. Il-fortijiet kienu nbnew fl-iktar postijiet strateġiċi: f'Binġemma, il-Mosta, il-Madliena u Pembroke. Għalkemm il-ħitan tal-Victoria Lines ma kinux għola minn żewġ metri xorta kienu joffru protezzjoni għal dawk li kienu jiddefendu minn warajhom.

Il-Victoria Lines qatt ma ntużaw fi gwerra u sal-ewwel Gwerra Dinjija kienu diġa meqjusa li mhumiex effiċjenti kontra metodi ta' gwerra moderna. Iżda huma importanti għax huma parti mill-istorja ta' kif żviluppat id-difiża f'Malta taħt l-Ingliżi.

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, matul il-Victoria Lines, nbnew 'anti-aircraft batteries' u postijiet għas-searchlight. Fil-Għargħur, taħt il-Victoria Lines nbena wkoll bini fil-fond biex fih ikunu jistgħu jpoġġu ġenerator tal-elettriku u minn hemm ġie l-isem kif inhu magħruf il-post l-Anċiritka, (korrezzjoni tal-kelma luce elettrica).

Il-bini tal-Victoria Lines ipprovda xogħol lil ħafna ħaddiema Maltin u sar fi żmien il-Gvernatur Sir Arthur Freemantle. Fl-1892, din il-linja difensiva ngħatat l-isem ta' Victoria Lines (liema isem għadna nafuh sal-lum) fl-istess sena meta r-Reġina Victoria kienet qiegħda tiċċelebra l-Ġublew tad-djamanti mill-inkurunazzjoni tagħha.

